MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Numru 4/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**
**Vs**

**MARIO ELLUL**

## Il-Qorti:-

Rat li l-imputat **MARIO ELLUL** ta' sitta w hamsin sena, bin Joseph u l-mejta Yvonne nee Darmenia, imwieled San Giljan nhar l-ghaxra ta’ Jannar 1953 u residenti 'Marchris', Triq Giacomo Bosio, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita numru 80253M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fl-ewwel ta’ Jannar 2007 bejn l-erbgha ta’ wara nofsinhar u l-hamsa ta’ wara nofsinhar waqt li kien fil-post maghruf bhala ‘Makiki’, fi Triq t-Turisti, Bugibba, kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta’ Petra Leiner ta’ nazzjonalita Germaniza;

2. Talli fl-istess data, lok u hin, bla ordni skond l-ligi tal-Awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fhom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil istess Petra Leiner kontra l-volunta taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mġiegħelha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3. Talli fl-istess data, hin u lok, ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Petra Leiner u dan skond ma ccertifika Doctor Mario Scerri u talli kkommetta serq ta' *mobile* tal-marka Motorola liema serq huwa aggravat bil-vjolenza ghad-dannu tal-istess Petra Leiner.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Giovanni Grixti nhar s-sittax ta' Jannar 2007 esibit a fol. 27 et seq tal-atti, u l-kunsens tal-Avukat Generali datat tmintax ta' Jannar 2007 (fol. 15) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-erbgha ta' Jannar 2007 (fol.4).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.
Semghet lid-difiza tittratta l-kawza fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2009 ghalkemm il-prosekuzzjoni ma kienitx rapprezentanta u dan meta din il-kawza giet kemm il-darba differita ghal dan l-istess skop.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha ta' Jannar 2007 xehdet **l-allegata vitma Petra Leina** (fol. 8) fejn qalet li fl-ewwel ta' Jannar 2007, kienet miexja fi Triq it-Turisti, Bugibba u rat mara bil-wieqfa fil-bieb ta' 'Manici Restaurant' u staqsietha ghal taxi. Qalet li hi dahlet fir-restaruant fejn kienet, qaghdet

gewwa tistenna t-*taxi,* ghax kienet il-kesha. Ghall-ewwel, kompliet tghid x-xhud, hi kienet ser tistenna barra w imbaghad irrejalizzat li kienet ser iddum u dahlet gewwa u qaghdet mal-mejda propju wara l-bieb bil-qeghda titkellem ma din l-istess mara li kienet cemplet ghat-*taxi* u wara ftit minuti din il-mara telqet.
Qalet wkoll li l-imputat li gharfet prezenti fl-awla, kien bil-qeghda fuq in-naha tax-xellug taghha u beda jitkellem maghha u staqsiha jekk kellhiex *boyfriend* u jekk kienitx mizzewga u fejn toqghod u x'qed taghmel hawn Malta u jekk hiex turista jew jekk tghix hawnhekk permanentement. Qalet li l-imputat beda jmissilha spallitha, avvicinaha u beda jmissilha wkoll saqajha tax-xellug. Qalet li mbaghad dawwar is-sinjal li kien hemm mal-bieba u ghamel l-istess tabella 'Sorry we are closed' w ghalaq il-bieb tal-hgieg u sakkar bic-cavetta.

Qalet li hi kienet staqsietu x'kien qed jaghmel u qaltlu biex jiftah il-bieb ghax xtaqet titlaq, u l-imputat qalilha biex joqghodu jitkellmu u jaghmlu xi haga. Spjegat li hi qaltlu li ma kellhiex pjacir u regghet talbitu biex jiftah il-bieb pero hu beda jmissha fuq gisimha u jipprova jbusha u hi ghal darb'ohra qaltu biex jiftah il-bieb ghax kienet ser tghajjat il-pulizija u qabdet il-*mobile* u ddajljat, zammitu ma widnejja u l-imputat hatfilha il-*mobile* u hi waqghet mal-art. Qalet li s-siggijiet li kien hemm madwarha waqghu wkoll ghaliex ippruvat taghti daqqa ta' sieq lejn il-bieba tal-hgieg u tghajjat u titlob l-ghajnuna. Qalet li x-*shutters* kienu maghluqa u hi kienet minduda ma l-art. Ziedet tghid li l-imputat beda jaghtiha bis-sieq u sahansitra anke daqqa f'ghajnejja.

Qalet li hi ppruvat titlaq pero m'rnexxilix, riedet tqum bil-wieqfa u tmur wara l-*bar* biex tipprova ssib bieb iehor, pero l-imputat rega' mar warajha u tfiet wkoll id-dwal ta' dan il-*bar* u qaghdet bil-qeghda hdejn il-*bar*, pero l-imputat qabadha u beda jixxekjaha u jimbuttaha mal-hajt u kontra l-hajt. Qalet li ghal darb'ohra regghet waqghet u marret tigri hdejn il-bieb ta' barra u sabet dawl zghir hafna.

Qalet li hi qaghdet taht il-mejda biex tipprotegi lili nnifisha u wara ftit hin, l-imputat fetah il-bieb u tella' x-*shutter* xi

nofs metru mill-art u harbitlu minn tahtu. Qalet li talbitu lura l-*mobile* taghha pero hu ma riedtx jaghtihulha. Qalet li waqt li kienet barra bdiet titlob l-ghajnuna u kienet migugha hafna bid-daqqiet li qalghet u marret tigri lejn il-lukanda 'San Antonio', fejn kien hemm Germaniza li ghajtet lill-pulizija u sussegwentement marru mara pulizija u zewg pulizija.

Mistoqsijja jekk kienetx wahedha f'dan ir-*restaurant* 'Maniki' jew ma haddiehor, ix-xhud wiegbet li kienet wahedha mal-imputat. Mistoqsijja mill-Qorti jekk kienitx certa li kien l-imputat, ix-xhud wiegbet li kienet certa mill-imputat. Qalet li hi kienet gabet il-*mobile* taghha mill-Germanja u kien jiswa disgha w sebghin lira, peress li kienet offerta specjali tal-Milied. Qalet li hi kellha titlaq minn Malta l-ghada. Sussegwentement, kompliet tghid ix-xhud, hi giet moghtiija lura l-*mobile* taghha mill-pulizija tal-ghassa l-Mosta.

**In kontr'ezami,** ix-.xhud stqarret li hi kienet mizzewga darbtejn u tghix mar-ragel tat-tieni zwieg. Qalet li l-ewwel darba li giet Malta kien f'Awwissu ghal gimghatejn *holiday* u sussegwentement saret taf xi nies Germanizi li jghixu hawn Malta w offrewlha mpieg u dan sabiex tbiegh *holidays* lil nies Germanizi. Qalet li l-persuna li offrielha l-*job* hawn Malta kien certu Andreas. Qalet li din kienet l-ewwel darba li giet hawn hekk sabiex tahdem ghax-xhur tax-xitwa u giet biex tahdem hawnhekk bhala *timeshare* ghal nies Germanizi mas-socjeta RCI.

Qalet li giet hawnhekk fit-tlieta w ghoxrin t'Ottubru minghajr zewgha peress li ghandha tifla t'erbatax il-sena u hallietha mar-ragel. Qalet li hi bdiet tghix fis-'Suncrest Hotel' ghaliex il-kumpanija hallset ghaliha u sussegwentement marret tghix fi Triq it-Turisti, Bugibba f'appartament jismu 'Bonsai' u dan meta kienet ghadha mpjegata mas-socjeta RCI. Qalet li hi kienet thallas ghall-appartament is-somma ta' mija w ghaxar liri maltin. Effettivament, kompliet tghid x-xhud, kienet tkun il-kumpanija li timpjegha li kienet thallas il-kera taghha pero mbaghad *una volta* tibda tbiegh il-*holidays* ghall-kumpanija u b'hekk taqla l-flus, kellha tikri post. Qalet li s-

socjeta hallsitilha hames gimghat, u cioe sa l-ahhar ta' Novembru.

Spjegat li hi telqet mill-impieg taghha fid-dsatax ta' Dicembru 2007 u wara din d-data bdiet impieg gdid f'post maghruf bhala 'Tavern Inn Bar' w ghalhekk ghaddiet il-Milied hawn wahedha, bla ragel u bla tifel. Qalet li bdiet tahdem fil-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru u wara ghamlet xi zmien ma tahdimx peress li s-sidien ta' dan il-*bar* li huma Inglizi, marru l-Ingilterra u regghu gew lura fil-wiehed u tletin ta' Dicembru u regghet bdiet tahdem maghhom. Mistoqsija jekk kellhiex xi problemi bix-xorb, wiegbet li ma kelliex pero lejliet l-ewwel tas-sena kienet xorbot hafna u cioe bejn il-lejl ta' wiehed u tletin ta' Dicembru u l-ewwel ta' Jannar 2008. Qalet li lejliet l-ewwel tas-sena ma hadmitx u marret f'dak l-istabbiliment biex tixrob. Qalet li tul il-gurnata tal-ewwel tas-sena, ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, regghet marret it-'Tavern Inn; u xorbot tliet fliexken 'Cisk' u wara marret tiekol kebab f'post Tork fejn il-*bus station*. Ziedet tghid li wara regghet marret lura d-dar fi Triq it-Turisti, u sussegwentement imxiet miexja u marret ghand habiba taghha li toqghod vicin il-kappella li hemm fejn Triq it-Turisti.

Qalet li kienet ghadha ma waslitx ghand il-habiba taghha peress li waqfet biex titlob *taxi* u staqsiet lil dik il-mara biex tordna *taxi* biex tmur minn fejn il-'Maniki Restaurant' s'ghand il-habiba taghha. Qalet li hi ma kienetx xurbana ghaliex ma kienetx xorbot hafna. Tenniet li m' ghandix problema ta' xorb. Cahdet dak li gie allegat li hi tixrob kuljum. Cahdet ukoll dak li gie allegat lilha mid-difiza li kienet xurbana fl-ewwel ta' Jannar. Cahdet wkoll dak li gie allegat lilha li kienet talbet lil tat-*taxi* biex johodha l-Mosta u li hi ma kienetx taf fejn hu l-Mosta. Qalet li effettivament, il-Mosta marret l-ghada.

Mistoqsijja ghax ma kienetx hi li cemplet ghal *taxi*, wiegbet li hi ma kienetx taf numru tat-*taxi* ghax dejjem bil-*bus* iddur. Dakinhar, kompliet tghid x-xhud, ma haditx *bus* ghax ma kienx hemm wahda fejn kienet sejra hi. Qalet li sehibha jismu Colin li hu Ingliz, u li kienet ser tmur tarah. Qalet li l-pulizija kellhom l-indirizz ta' din il-persuna ghax

kienu minn hemm li haduha. Mistoqsijja x'jisimha t-tfajla li kellmet il-'Maniki', wiegbet li ma kienetx taf, pero taf li kellha xagharha twil. Qalet li qatt ma kienet marret il-'Maniki Restaurant' qabel. Mistoqsijja jekk il-lukanda fejn kienet qed toqghod, hiex boghod minn Triq t-Turisti, wiegbet li le. Kompliet tghid li l-jum ta' qabel hi marret tghix fl-'Ewropa Hotel' fi Triq t-Torri, Sliema. Qalet li hi kienet qed toqghod f'post vicin s-'Sunflower Hotel', u cioe fil-Palm Court ghal xi hamest ijiem u dan minn dsatax sal-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru. Qalet li kienet tghix f'dan il-post hdejn is-'Sunflower Hotel', flimkien ma habib li gieli jahdem ma sid it-'Tavern Inn' u dan kien Ingliz u li fil-fatt huwa Colin u huwa l-istess persuna li kienet ser tmur tara fl-ewwel tas-sena. Qalet li dan ghadu jghix hemm sa llum u fil-fatt kien huwa li ma xtaqx li jibqa jghix maghha ghaliex ma riedx pulizija gewwa daru. Qalet li ma tafx lil persuna li kellmet fis-'San Antonio Hotel', ghalkemm taf li kienet persuna ta' nazzjonalita Germaniza. Qalet li x'taghmel fil-lukanda, pero ma tafx u taf li kienet liebsa uniformi u kienet hi li cemplet lill-pulizija u l-pulizija gew fuq il-post.

Mistoqsija x'kienet liebsa hi, qalet li kienet liebsa *jeans*, qmis u gakketta, li pero ma tqattghux waqt l-aggressjoni, baqghu ntatti. Cahdet dak li gie allegat li din il-mara tal-'Maniki Restaurant' kellha tghinha ghax kienet fis-sakra u tant ma kienetx fis-sakra hija tkellmet mal-pulizija meta marru fuq il-post. Qalet li l-pulizija mara kellha xagharha twil u kien hemm pulizija iehor, wiehed minnhom kien twil b'xaghru bjond u staqsiethom x'jisimhom pero n-*number* taghhom ma haditux. Qalet li l-ghada regghet rat l-istess ufficcjal tal-pulizija fl-ghassa l-Qawra.

Kompliet ghid li gieli wzat *taxi* qabel, meta kellha hafna basktijiet x'iggorr u kienet tidhol go hanut u titlobhom biex jghajjtulha ghal *taxi*. Mistoqsijja jekk tafx lil xi hadd il-Mosta, wiegbet li hi marret il-Mosta darbtejn f'hajjitha, jew tliet darbiet, ma persuna li tahdem maghha l-RCI biex jiehdu café. Cahdet li hi kienet xurbana u li ma setghetx tghid l-indirizz fejn riedet tmur fil-Mosta. Cahdet wkoll dak li gie suggerit mid-difiza, li effettivament l-imputat jew

ahjar dik il-mara talbet ghal *taxi* u qaltilha li ma setghetx tmur bit-*taxi*.

Mistoqsijja x'hemm wara l-*bar* fil-'Maniki Restaurant' wiegbet li hemm xi bibien, ghalkemm ma kienetx taf ezattament x'hemm. Qalet li l-*bar* huwa twil xi tmien metri u fuq in-naha ta' wara hemm il-*bar* u wara l-*bar*, hemm diversi dwal, *telephone* u diversi fliexken. Qalet li l-*bar* huwa tal-injam, fuq il-parti ta' fuq, huwa *aluminium* u fuq in-naha ta' gewwa, huwa bar normali, *piu o meno* l-istess tul tat-tribuna tal-Qorti. Qalet li hi ma kellha ebda oggezzjoni li thalli l-indirizz taghha fil-Germanja mad-deputat tal-Qorti.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2007 **xehed PS 851 Loreto Buttigieg** (fol. 26) fejn ftakar li nhar d-dsigha ta' Jannar 2007 ghal habta tal-hdax ta' filghodu, kienet marret taghmel rapport certa Pietra Leiner ta' nazzjonalita Germaniza u kiteb kollox fl-okkorrenza li esibixxa bhala Dok. PSC 3 (fol. 28). Meta gie muri stqarrija esibita fl-atti bhala Dok. CSH 5, ix-xhud ikkonferma li din giet rilaxxjata mill-imputat presenti fl-awla wara li dan gie moghti s-solita twissija. Ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Paul Bond kif wkoll tal-istess imputat fuq kull faccata tal-istess stqarrija.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 2007 **xehed Doctor Mario Scerri** (fol. 34) fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti ta' l-inkjesta mill-Magistrat Dottor Giovanni Grixti b'digriet tieghu tat-tlieta ta' Jannar 2007 rigwardanti allegat stupru li sar fuq il-persuna ta' Petra Leina. Ix-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok MS. Minn ezami ta din ir-relazzjoni jirrizulta li l-vitma Pietra Leiner kellha nefha fuq l-ghajn ix-xellugija kompatibbli ma blunt trawma, tbengila fuq l-aspett medjali tal-irkoppa xellugija kompatibbli li saret jumejn qabel u li dawn il-feriti kienu ta' natura hafifa.

Illi nhar l-hmistax ta' Jannar 2009 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** (fol. 72) fejn qal li hu sid ir-*restaurant* maghruf bl-isem 'Maniki' li qieghed fi Triq it-Turisti, Bugibba. Qal li ilu f'dan ix-xoghol ghal iktar minn tletin sena u problemi qatt ma kellu. Ftakar illi fl-ewwel ta'

Jannar 2007 ghall-habta ta' erbgha jew l-erbgha w nofs ta' filghodu, hu kien qieghed wara l-*bar* jaghmel xi kontijiet u qaltlu l-*waitress* tieghu, li kienet dahlet mara minn barra u hu staqsiha ghalfejn hallitha tidhol, u din rrisponditu li din il-mara kienet qed tibki u kellha bzonn l-ghajnuna w ghalhekk dahhlitha gewwa. Qal li din il-mara effettivament kienet barra, dahhluha gewwa w ghamlulha cafe. Qal li din kienet fi stat hazin fis-sens li kienet fis-sakra.

Zied jghid li wara staqsa lill-*waitress* ghalfejn dahhlitha, peress li hu kien ghajjien u kien ilu gurnata hemmhekk u dak il-hin kien spicca mix-xoghol ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu. Qal li offrew lil din il-mara li jikrulha *taxi* u staqsiha fejn xtaqet tmur u din qaltlu li riedet tmur il-Mosta w ghalhekk cempel ghal *taxi*, certu wiehed Farrugia u tat-*taxi* qallu li peress li hija ma kinitx taf fejn kienet serja, ma kienx ser itellaghha. Zied jghid li pprova jcempel xi garaxxijiet ohrajn pero kienu *engaged*. Qal li kienet l-*waitress* li ghamlitilha kafe.

Spjega li hin minnhom din it-tfajla waqghet minn fuq il-mejda u dak il-hin il-*waitress* kienet telqet biex tigbor lit-tfal. Mistoqsi jekk xorbitx il-kafe li ghamlulha, wiegeb li effettivament waqqghetu. Qal li meta waqghet mal-art, gibdet kollox maghha bhal dvalji u tazzi li kien hemm fuq il-mejda u dak il-hin dar fuqha u qalilha '*I have to help you to leave the premises*' w hemmhekk ghenha biex tohrog 'l barra, pero hi baqghet fil-parapett u sussegwentement ghalaq ix-*shutter* u telaq 'l hemm u halliha fil-parapett.

Zied jghid li sussegwentement hu mar ir-*restaurant* l-ghada tnejn ta' Jannar, sab *mobile phone* mal-art u poggih fejn il-*cash register* ghaliex haseb li kienet ser tigi ghalih. Qal li hu ma joqghodx jiehu affarjiet ghand il-pulizija, ghaliex gieli klijenti ohra jhallu l-affarijiet hemmhekk u l-ghada jmorru ghalihom w ghalhekk ghamel bhas-soltu.

Stqarr li sar jaf li din il-mara kienet qed taghmel allegazzjoni dwaru xi erbat ijiem wara u baqa' mbellah. Qal li hu qatt ma pprova jaggredieha. Qal li l-*bar* tieghu fil-fatt mhux kif deskritt mill-allegat vittma ghaliex huwa

*bar*. Mhux vera li hemm id-dwal wara l-*bar*, hemm bieb b'zewg lampi fuq il-*bar counter*, wara l-*bar* hemm *counter*. Qal li dan il-fatt bellħu ghaliex effettivament qatt m'ghamel dawn l-affarijiet li qed jigu allegati fil-konfront tieghu.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 2009 **xehdet Nicky Camilleri** (fol. 76) fejn qalet li hi tahdem bhala *waitress*. Mistoqsijja jekk tafx lill-imputat wiegbet li tafu. Qalet li kien hemm zmien li kienet tahdem fl-istabbiliment tal-imputat maghruf bl-isem ta' 'Maniki' u fil-fatt ghamlet xi perjodu ta' xi sentejn tahdem f'dan ir-*restaurant* 'Maniki'. Qalet li jekk ma kienetx serjra zball hadmet hemmhekk ghall-perjodu bejn 2004 u 2007.

Ikkonfermat li pero fl-ewwel (1) ta' Jannar 2007 hi kienet tahdem ma l-imputat. Qalet li dakinhar kienet gurnata fejn kien hemm hafna nies u hi kienet hemmhekk lejliet l-ewwel tas-sena. Ftakret li fil-fatt fl-ewwel tas-sena kien hemm mara ta' nazzjonalita barranija li kienet quddiem ir-*restaurant* tibki u harset lejha waqt li hi (x-xhud) kienet mal-bieb u staqsietha ghal taxi. Ix-xhud kompliet tghid li hi qaltilha biex tistennieha mument u dahlet gewwa u gabet il-*mobile* w ippruvat icempel habib taghha. Qalet li hi kienet staqsiet lil din il-mara fejn kienet sejra u din qaltilha li hija tghix fejn il-knisja ta' San Pawl il-Bahar u fl-ebda hin ma qaltilha liema lokalita.

Qalet li apparti li kienet qed tibki, kienet xurbana u fil-fatt bdiet titbandal u hi (x-xhud) poggietha magenb il-hajt. Qalet li kif kienet fil-fatt qed titkellem, id-diskors taghha ma kienx car u hi (x-xhud) ippruvat icempel lil habib taghha bit-*taxi* u ma rrispondiex w ghalhekk dahlitha gewwa u poggietha bil-qeghda ghax ma kienetx f'kundizzjoni li thalliha wahedha.

Ziedet tghid li sussegwentement hi staqsiet lil imputat sabiex jipprovdi *taxi*, pero dan ma deherx kuntent ghaliex kien ghajjien u fil-fatt staqsiha ghalfejn kienet dahhlet lil din il-mara hemm gew, pero xorta beda jipprova jgibilha *taxi*. Qalet li dak il-hin kien qed jipprova jaghlaq u jghodd il-flus li kien qala'. Ziedet tghid li hi mbaghad din il-mara poggiet bil-qeghda w ippruvat taghtiha xi flus biex tixtrilha

x'tixrob u hi qaltilha le u minflok tatha kafe. Qalet li fuq il-mejda kien hemm xi *drinks* u fil-fatt din il-mara marret u gabet minn dawn id-*drinks*. Qalet li hi kienet qaltilha lil din il-mara sabiex tiehu l-kafe u din il-mara tatha zewg liri. Qalet li din il-mara kienet qaltilha li pero d-*drink* kien taghha u ghalkemm kienet tatha l-flus, hi (x-xhud) ma missiethomx u halliethom fuq il-mejda. Qalet li hi ma rieditx taghtiha *drink* peress li fil-fehma taghha kienet diga hadet wisq.

Qalet li waqt li kienet hdejn din il-mara, din il-mara rceviet telefonata u bdiet twerzaq u tgholli jdejha biex titfa' il-*mobile phone* u hi (x-xhud) zammitha u qaltilha biex ma tghamilx hekk. Qalet li xi bdiet tghid, ma kienetx taf pero taf li kienet qed titkellem b'lingwa barranija. Ziedet tghid li meta qatghet, bdiet tghid li r-ragel taghha kien hadilha wliedha u ma riedx jaghtihomlha lura u hi (x-xhud) ippruvat tikkalmaha u tatha il-kafe u kompliet b'dak li kienet qed taghmel.

Ix-xhud kompliet tghid li xi ghaxar minuti wara gie zewgha u gabilha t-tfal u hi qalet lil imputat li kelha tmur ghaliex kellha t-tfal u telqet u halliet lil imputat u lil din il-mara hdejn il-bieb.
Spjegat li hi regghet dahlet ghax-xoghol l-Erbgha ta' wara u kien hemm habib taghha li ghandu s-'Paul's Bar' ftit iktar 'l isfel, u kif kienet diehla biex tghid 'hello' lil persuna, waqt li kienet qed titkellem maghha, qaltilha li kien hemm wahda mara f'jum l-ewwel tas-sena li dahlet u bdiet tibki u ma setghetx tehles minnha b'xejn u qaltilha biex tghinnha ghaliex it-taxi *driver* kien irrapjaha.

Qalet li din il-mara li kienet qed titkellem maghha kien jisimha Jane. Ix-xhud kompliet tghid li hi ratha stramba ghaliex fil-fatt id-deskrizzjoni li kienet taghtha din il-mara kienet taqbel ma ta' dik il-mara li fil-fatt kienet giet hemm il-Hadd ta' qabel u dan ghaliex il-mara kienet xurbana u kienet barranija. Qalet li din Jane kienet qaltilha wkoll li fil-fatt ma kienx minnu l-istorja li kienet qaltilha izda li fil-fatt li kienet marret id-dar u l-gharus taghha kien taha xebgha ghax ma kienx emmina. Qalet li fil-fatt il-konversazzjoni bejna u bejn din Jane, kienet wahda

qasira u hi kompliet mat-triq ghax-xoghol. Ziedet tghid li waqt li hi kienet x-xoghol taghmel l-imwejjed, l-imputat qalilha '*temminha dik il-mara*' u hi rrispondietu li fil-fatt kienet marret ghand Jane u qaltilha li t-*taxi driver* kien irrepjaha u hi (x-xhud) bejna u bejn ruhha qalet '*imnalla ma qabbadtx habib tieghi biex iwassalha peress li kienet fis-sakra*'.

Qalet li l-imputat fil-fatt dak il-hin kien qalilha li dik il-mara kienet akkuzatu li hu kien irrejpjaha. Qalet li fil-fatt l-imputat Mario Ellul kien ddispjacut b'dak illi kien gara u henniet ghalih. Qalet li kienet taf wkoll li kien gie arrestat. Meta giet murija xi rittratti, x-xhud qalet dan huwa ritatt ta' din il-mara li kienet qed titkellem fuqha pero dakinhar ta l-incident, xagharha kien imnizzel.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-allegata vittma Pietra Leiner li fi ftit kliem tghid li l-imputat ghamel attentat ta' pudur vjolenti fil-konfront taghha u talli serqilha il-*mobile phone* waqt li sskewestra, ghalkemm tmur tirraporta dan l-allegat incident jumejn wara li allegatament sehh, u dik proposta mill-imputat li jghid li dan ir-rapport huwa nveritier ghal kollox u li Pietra Leiner kienet marret fil-*bar* tieghu fi stat ta' sokor titlob l-ghajnuna.

Din il-versjoni hija sa certu punt ikkonfermata mill-*waitress* tieghu Nicky Camilleri.

Illi ghalhekk, m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan

ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta'zmien w ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru ukoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex, kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina x-xhieda w il-provi prodotti, sabiex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat mill-prosekuzzjoni, gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat talli fl-ewwel ta' Jannar 2007, bejn l-erbgha ta' wara nofsinhar u l-hamsa ta' wara nofsinhar, waqt li kien fil-post maghruf bhala 'Maniki', sitwat fi Triq t-Turisti, Bugibba, kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' Petra Leiner. Illi ghalkemm il-prosekuzzjoni trid tipprova li fil-fond maghruf bl-isem

'Maniki' l-imputat ikkommetta attentat ghal pudur fuq il-persuna ta Petra Leiner.
L-imputat fl-ahhar nett hu akkuzat wkoll bir-reat kif kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe attentat ghal pudur bil-vjolenza, pero l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-tmienja ta' Jannar, 1996 mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fejn gie deciz li:-

"*Section 207 clearly states that a person is guilty of violent indecent assault, if that fact , that is the act of violent indecent assault does not in itself constitute any of the other crimes either contemplated or attempted referred to in the section sub title II preceeding the said section 207.*"

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil din Petra Leiner tixhed u tispjega dak li kien gara dakinhar tal-ewwel ta' Jannar 2007. Tghid li l-imputat ittanta jmissilha saqajha u jipprova jiehu vantagg minnha. Spjegat li huma kienu wahdehom go *bar* bix-*shutter* maghluq. Jirrizulta pero li Pietra Leiner marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija jumejn wara li sehh l-allegat incident, u cioe fit-tlieta ta' Jannar 2007 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu. Ikkonfermat li fl-ewwel ta' Jannar 2007, ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar hija kienet ghaddejja minn Triq it-Turisti, Bugibba u kien hemm ragel hdejn hanut u talbitu minn fejn setghet taqbad *taxi* u dan qalilha biex tidhol gewwa gol-hanut u talabha biex tpoggi fuq l-mejda hdejn il-bieb. Irrappurtat li kienu wahdehom f'dan il-hanut u li dan ipprova jbusha u jmissha u hi ppruvat twaqqfu. Hu ma riedx w ghalhekk ippruvat iccempel lil pulizija u dan hatfilha il-*mobile phone* minn idejha, tefa'd-dawl u beda jaghtiha bis-sieq.

Illi meta xehdet il-Qorti pero stqarret li kien hemm mara u li bdiet taghtiha l-ghajjut u tghinha sabiex issib *taxi* u li tatha il-kafe u li kien wara li telqet, li l-imputat ipprova jabbuza minnha. Illi ghalhekk minnufih tirrizulta nkonsistenza fix-xhieda taghha.

L-imputat minn naha l-ohra jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu u dan mill-bidu nett li rrilaxxja l-istqarija

tieghu u fil-fatt spjega li ma kienx wahdu meta l-allegata vittma spiccat fil-hanut tieghu. Qal li din il-mara Pietra Leiner kienet fis-sakra li ma tarax art u dan huwa kkonfermat mill-*waitress* Nicky Camilleri, ghalkemm michud minnha. Jghid li mhux minnu li huwa pprova jmiss lil Pietra Leiner. Nicky Camilleri tispjega li din Pietra Leiner kienet ghadha kif kienet qed tiggieled mar-ragel taghha li kienet l-Ingilterra li allegatament kien hadilha lill-uliedha.

Lli l-imputat deher konsistenti hafna f'dak li kien qed jghid u huwa fil-parti kbira tieghu, korroborat minn din Nicky Camilleri.
Pietra Leiner tghid ukoll li l-imputat waqqgha mal-art u taha bis-sieq diversi drabi, pero meta giet ezaminata minn Doctor Mario Scerri kull ma rrizultalu kien li kien hemm tbengila zghira fuq l-irkoppa u kien hemm tbengila fuq ghajnejha. Zgur li kieku l-imputat veru kien taha biss sieq, kien ikun hemm aktar minn tbengila wahda fuq gisimha u l-ferita ta' wicca ma hiex kompatibbli ma daqqa ta' sieq w ghalhekk, il-QOrti hija propensa temmen dak li qal l-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni, li ma taha l-ebda daqqa ta' sieq.

Fit-tieni lok, l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' sekwestru kif kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif aggravat bl-artikolu 87(g) u cioe li delitt t'arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi sar bhala mezz biex l-allegata vittma tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

L-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

*"Kull min bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi mizmuma jew ssekwestrata."*

Illi ghalhekk, minnufih jirrizulta li bniedem jista jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment li m'ghandux ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u dan hu partikolari,

li l-imputat ma kellux awtorita skond l-ligi t'awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd.

Izda minn naha l-ohra jista jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Pietra Leiner?
Din il-Qorti tara li l-elementi tal-artikoli rilevanti ghal dan il-kaz, huma tnejn, ghal dak li jirrigwarda definizzjoni.

L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista jsir kontra l-volunta tal-persuna sekwestrata.

L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi fil-fehma tal-Qorti t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan r-reat kif donnu ried jfhiem l-Avukat Difensur lil din il-Qorti.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu u taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatur tas-Sub Titolu 1 tal-artikolu III tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li tahtu jaqa dan l-artikolu - l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika jindika li taht dan l-Kap jaqa agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita ma jkunx punibbli.

Il-gurista Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal l-artikolu 86 taghna a fol. 112 paragrafu 788 Vol II billi jghid:-

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134*** jghid:-

*"Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al*

*paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Fil-fatt **La Corte di Cassazzione** tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar, 1961 ipprecizat:-

"*Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace."*

Illi ghalhekk, il-Qorti thoss li wara li spjegat t-tifsira ta' reat ta' sekwestru ta' persuna, trid issa tezamina l-fatti specie f'dan il-kwadru.

Illi l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat mhux konfermati mill-allegat vittma, ghaliex l-imputat jichad li huwa ghalaq lil-vittma fil-hanut tieghu. Anzi jghid li kien cempel ghal *taxi* u tefghha 'l barra fuq il-parapett. Qatt ma jghid li kien fil-hanut maghha wahdu. Hija l-vittma biss li tghid li l-imputat nizzel is-*shutter* tal-hanut u kien biss meta ra li ma tridx tkompli mieghu, li huwa tella' ix-*shutter*. Din il-versjoni tal-fatti, l-Qorti issibhom nveritieri fic-cirkostanzi.

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Andrew Bonnici,** huwa li bniedem irid jkun jittiehed fil-post kontra l-volunta tieghu, u f'dan il-kaz zgur li ma kienx l-imputat li hadha hemm, izda li kienet hi li talbet l-ghajnuna.

Fit-tielet lok l-imputat huwa akkuzat li seraq il-*mobile phone* minn fuq il-persuna ta Pietra Leiner. Illi l-vittma tispjega li l-imputat kien hatfilha il-*mobile phone* waqt li hija kienet qed titkellem ma terzi. L-imputat dan jichdu a tempo vergine tal-investigazzjoni meta kien gie mistoqsi dwaru fl-istqarrija li kien irrilaxxja. L-imputat jghid li l-ghada li kien mar fil-*bar* tieghu, kien sab il-*mobile phone* mal-art u poggih mal-*counter* sabiex jekk xi hadd imur

jistaqsi ghalih, huwa jkun pront li jaghtih lura. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni a tempo vergine tal-investigazzjoni, jekk kienx jaf li kien ta' din Pietra Leiner, jghid li setgha kien taghha, pero haseb li kienet ser tmur tigbru l-ghada. Dan aktar jindika li hu ma kellux ghalfejn jibza minnha jew li jahseb li kienet ser tirraportah dwar xi ghemil hazin. Il-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-imputat ha dan il-*mobile phone* bil-hsieb li jaghmel xi qliegh minn fuqu. Mistoqsi dwaru, minnufih qal li setgha kien taghha u li kieku marret lura ghalih, kien lest li jaghtihulha. Huwa haseb li kien waqghalha minhabba l-istat ta' sokor li kellha.

Ghaldaqstant, **il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 86, 207, 262 u 276 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li qed ssib lil imputat MARIO ELLUL mhux hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress li ma sabitx lill-imputat hati w illiberatu minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------